MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2006

Numru 82/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Mary Xiberras**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Mary Xiberras (karta ta' l-identita` nru. 67052(G)) li tghid testwalment hekk:

**"Billi int akkuzat talli fl-24 ta' Ottubru 2004 ghall-habta tan-nofs siegha ta' filghodu ddenunzjajt lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq hloqt tracci ta' reat b'mod li setghu inbdew proceduri kriminali sabiex tizgura *(sic!)* li dak ir-reat kien sar, kontra Joey Cauchi mill-Qala, Ghawdex, ai termini ta' l-artikoli *(sic!)* 110 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta."**

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-7 ta’ Marzu 2006 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi John Mary Xiberras mhux hati u lliberatu;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu prezentat fil-21 ta’ Marzu 2006, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-10 ta’ April 2006; ikkunsidrat:

Dan l-appell jirrigwarda incident li allegatament sehh wara diverbju bejn Maria Dolores Cauchi u binha Joey Cauchi minn naha, u l-appellat (imputat fl-ewwel istanza) John Mary Xiberras min-naha l-ohra. Skond dan Xiberras, wara dan id-diverbju inizjali, Joey Cauchi heddu b’senter, li kien pero` fil-ghata (*pocket*) tieghu, li dan Cauchi mar gab minn god-dar. Xiberras hekk mar jirraporta fil-Ghassa tal-Pulizija. Joey Cauchi u ommu, ghalkemm jammettu li kien hemm id-diverbju, jichdu kategorikament li f’xi hin minnhom l-imsemmi Cauchi hedded lil Xiberras kif inghad.

Issa, jibda biex jinghad li wiehed difficilment jifhem kif l-imputazzjoni setghet tohrog b’mod hekk ingarbuljat. Il-lokuzzjoni adoperata hija kwazi kollha (minn *“Billi int akkuzat…”* sa *“…li dak ir-reat kien sar”*) dik ta’ l-Artikolu 110(2) tal-Kodici Kriminali li jikkontempla s-<u>simulazzjoni ta’ reat</u>, kemm simulazzjoni verbali jew diretta kif ukoll simulazzjoni materjali jew indiretta. Pero`, imbaghad, stranament, min ifformula l-imputazzjoni zied il-kliem *“…kontra Joey Cauchi mill-Qala, Ghawdex…”*, kliem li donnhom jaghtu wiehed x’jifhem li dak li allegatament ghamel l-imputat kien li kkalunja lil Joey Cauchi – jew billi akkuzah b’reat li kien jaf li tieghu kien innocenti (Artikolu **101(1)** tal-Kap. 9) jew permezz ta’ kalunja reali ossia indiretta kif kontemplat fl-Artikolu 110(1). Mill-banda l-ohra, il-kalunja verbali jew diretta (Artikolu 101(1)) hi eskluza mill-imputazzjoni peress li minn ifformulaha <u>ghazel li jindika **biss u espressament l-Artikolu 110**</u>.

Fi kwalunkwe kaz l-ewwel qorti, wara li, fuq l-iskorta ta’ l-insenjament fis-sentenza ta’ din il-Qorti – il-Qorti ta’ l-

Appell Kriminali – tas-16 ta’ Frar 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. David Mizzi** [1], iddistingwiet bejn iz-zewg forom ta’ kalunja u z-zewg forom ta’ simulazzjoni ta’ reat, gustament osservat li dak li kellha tipprova l-prosekuzzjoni kien li Xiberras kien qed jiffabrika storja (fir-rigward tat-theddid minn Cauchi), u dan evidentement ghall-finijiet tas-simulazzjoni verbali peress li sa hemm setghet tasal l-imputazzjoni kif formulata mill-Pulizija u fid-dawl tal-provi prodotti. Wara li dik il-qorti ezaminat il-provi kollha prodotti hija waslet ghall-konkluzzjoni li l-prosekuzzjoni ma kienx irnexxilha tipprova l-kaz taghha.

Fil-kaz in dizamina, l-appellant Avukat Generali qieghed evidentement jappella in virtu` tad-dritt moghti lilu bil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 413 tal-Kodici Kriminali, u l-aggravju jikkonsisti bazikament filli, skond hu, l-ewwel qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi. In fatti l-aggravju ta’ l-Avukat Generali hu migbur f’paragrafu qasir, bla ebda sforz ta’ approfondiment, li jghid semplicement hekk:

**“Illi l-aggravu hu car u manifest u jikkonsisti filli l-ewwel Qorti ma tatx piz lill-provi tal-*video*. Illi inoltre x-xhieda prodotti kollha qalu li ma rawx lil Joey Cauchi b’xi arma hlief ghal John Mary Xiberras. Illi bir-rispett kollu l-ewwel Qorti ezercitat id-diskrezzjoni taghha b’mod estrem ghax qisa accettat il-verzjoni ta’ John Mary Xiberras li kienet kontradetta mal-provi [recte: mill-provi] kollha oltre l-*video cassette*. Illi bir-rispett hu car li John Mary Xiberras kien qed jivvinta storja biex jittiehdu passi kontra Joey Cauchi.”**

Din il-Qorti, wara li ezmaninat mill-gdid il-provi kollha (inkluz il-video cassette kif ukoll il-verbal ta’ l-access) hi

---

[1] Din il-Qorti tosserva li l-ewwel qorti kkwotat *verbatim* mis-sentenza ta’ **Mizzi** (ara Kollezz. Vol. LXXXII.iv.120, 121 minghajr ma kkreditat is-sors billi ghamlet il-kliem *tra virgolette*. Inoltre f’parti minnhom l-ewwel qorti jidher ukoll li kkupjat hazin minn pagna 121. Infatti fis-sentenza jinghad: “Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent ikun iddenunzja lil Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf.” (sottolinear tal-Qorti tal-Magistrati). Is-sentenza fis-sentenza ta’ Mizzi taqra hekk: “Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent ikun iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx.”

tal-fehma li dak li hu car hu li jew l-Avukat Generali[2] ma rax il-*video cassette* u l-verbal tal-access, jew, jekk rahom, ma fehmhomx. Huwa veru li l-*video* (li, tajjeb li jinghad, juri l-faccata tad-dar ta' Cauchi minn angolatura wahda minkejja li suppost hemm tlett *cameras*) f'ebda hin ma juri lil Joey Cauchi b'xi arma f'idu. Izda mill-provi x'aktarx li l-incident sehh mhux "fuq il-veranda tad-dar" ta' Cauchi (kif xehdet WPS 160 Josephine Camilleri, li kienet nizzlet l-okkorrenza ta' dak li rrapporta Xiberras minkejja li ma kienitx hi li irceviet ir-rapport minghand l-istess Xiberras – u ghalhekk qaghdet fuq dak li qalilha l-*orderly* meta dan l-*orderly* qatt ma gie prodott bhala xhud) izda f'passagg ma' genb din id-dar (ara d-deposizzjoni ta' Maria Dolores Cauchi, fol. 19, u tal-imputat, fol. 25) Mill-verbal ta' l-access jirrizulta li *camera* li tkopri dan il-passagg ma kienx hemm, u inoltre li Joey Cauchi kellu access ghall-passagg permezz ta' bieb li jinfed ghad-dar tieghu (ara fol. 28). Ghalhekk, fic-cirkostanzi, il-fatt li l-*camera* li kienet tinkwadra l-veranda ma wriet ebda persuna b'arma f'idu ma jistax jitqies bhala li b'xi mod jikkorrobora l-verzjoni ta' Maria Dolores u ta' binha.

Wiehed ma jridx jinsa li l-ewwel qorti kellha l-vantagg – li din il-Qorti m'ghandhiex – li tara u tisma' lix-xhieda jiddeponu *viva voce* quddiemha, u ghalhekk kienet f'posizzjoni ahjar minn din il-Qorti li taghmel il-gudizzju taghha dwar x'piz taghti li dak li jkun qal kull xhud. Tenut kont ta' dan, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddipartixxi mill-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell ta' l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------

[2] Jew min, a nom tieghu, kien responsabbli biex jabbozza r-rikors ta' appell.